**Talbiet**

— jiddikjara bħala illegali l-Artikolu 9 tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni tal-15.07.2011 tal-Artikolu 11 (2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal;

— jannulla d-deċiżjoni tal-10 ta' Marzu 2015 li jiġu akkreditati d-drittijiet għal pensjoni miksuba mir-rikorrent qabel id-dħul tiegħu fis-servizz, fil-kuntest tat-trasferiment tagħhom fis-sistema ta' pensjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, skont id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni tal-Artikolu 11(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-15.07.2011;

— sussidjarjament, jikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ħlas ta' ewro provviżorju sabiex tiġi invokata l-ħsara subita mir-rikorrent;

— jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

---

## Rikors ippreżentat fis-17 ta' Awwissu 2015 – ZZ vs UASI

## (Kawża F-116/15)

(2015/C 328/35)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* ZZ (rappreżentant: H. Tettenborn, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

Annullament tad-deċiżjoni li r-rikorrent jiġi ttrasferit mid-dipartiment "Kooperazzjoni internazzjonali u Affarijiet legali" għad-dipartiment "Attivitajiet prinċipali".

**Talbiet**

— jannulla d-deċiżjoni tal-UASI, tat-2 ta' Ottubru 2014, li biha r-rikorrent ġie ttrasferit mid-dipartiment "Kooperazzjoni internazzjonali u Affarijiet legali" għad-dipartiment "Attivitajiet prinċipali".

— jikkundanna lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) għall-ispejjeż.

---

## Rikors ippreżentat fit-18 ta' Awwissu 2015 – ZZ vs F4E

## (Kawża F-117/15)

(2015/C 328/36)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrent:* ZZ (rappreżentant: A. Asmaryan Degtyareva, avukat)